# Ftit mill-istorja tal-kazin Is-Sur Odilone Caruana.
## Fundatur tal-Banda - Marija Annunzjata

*jikteb Anthony Piscopo*

Kienet is-sena 1862, propju 140 sena ilu, meta grupp ta' rġiel minn Ħal Tarxien, iltaqgħu u ftehmu li jkellmu lis-sur Odilone Caruana dwar twaqqif ta' Banda għar-raħal tagħna. Is-sur Odilone Caruana, iben il-Prokuratur Legali Angelo u Katerina mwielda Zammit, twieled Ħaż-Żabbar, nhar is-26 ta' Settembru 1839. Huwa żżewweġ lil Judith Trapani u kien joqgħod f'dar kbira wara l-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien ; (Illum Nru. 4, Triq Brittanika.) Odilone kien bniedem sinjur u minbarra li kien iħobb il-knisja, huwa kellu ġibda kbira lejn l-arti, pittura u mużika. U għal din ir-raġuni, huwa stinka u ħabrek biex f' Ħal Tarxien twaqqfet il-banda. Billi kif diġa għedna, Odilone kien bniedem għani, kien huwa stess li minn butu qabad u xtara l-istrumenti mużikali u ġabar l-irġiel biex jibdew jitgħallmu l-mużika. Kien verament benefattur kbir tar-Raħal tagħna.

Hekk naraw li l-ewwel banda f' Ħal Tarxien ġiet imwaqqfa fl-1862 u li propju għalhekk li din is-sena, il-banda tagħna , flimkien ma' tliet baned oħra - il-banda San Ġorġ ta' Bormla; il-banda Peace tan-Naxxar; u l-banda Pinto San Bastjan ta' Ħal Qormi; qegħdin infakkru għeluq il-mija u erbgħin sena mit-twaqqif tal-banda. Is-sur Odilone mhux biss ħallas minn butu n-nefqa kollha meħtieġa għall-istrumenti mużikali, iżda anke għal każin, għax dik il-ħabta, fir-raħal kien hawn ħafna faqar. Fil-bidu, il-banda kienet magħrufa bl-isem ta' Banda San Giovanni, għax fl-antik, dan ir-rahal kien magħruf bl-isem ta' "SAN GWANN BATTISTA" u ħa dan l-isem minn knisja żgħira qrib Wied Blandun, billi Ħal Tarxien kien iwassal lil ħinn minn Kordin. Għall-bidu, is-Soċjetà kienet f'kamra ċkejkna fi strada Sant' Anna, li fiha ffurmaw l-ewwel 'Scuola e Casino", taħt l-isem ta' San Gwann.


Caruana Odilone

Wara marru f'post isbaħ u arjuż, f'numru 54, Strada Reale. Hawnhekk, il-banda, taħt id-direzzjoni ta' surmastrijiet kapaċi, fosthom Mro. Giuseppi Portelli, għamlet progress kbir. Il-banda baqgħet miexja l-quddiem ġmilha u wara ftit żmien, il-każin introduċa t-teatrin, li għal dak iż-żmien kien xi ħaġa sabiħa u ta' divertiment għal poplu.

Pero, xi ftit inkwiet issibu dejjem u f'kull ħaġa u propju fiż-żmien li l-banda kienet fl-aqwa tagħha, inqala' l-għawġ u s-sur Odilone Caruana, ġabar ħwejġu u żarma kollox.

Is-sur Odilone Caruana miet fl-eta' ta' 60 sena, fis-7 ta' Novembru 1899 u ġie midfun fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Tarxien.

Ref - "L-istorja ta' l-Għaqda Mużikali Marija Annunzjata". - Tarxien ta' Vincent Battistino.